## Is-sens tad-dnub

F'ħafna pajjizi b'tradizzjoni kattolika tħoss fost in-nies, anki dawk li m'għadhomx jipprattikaw il-fid tagħhom, ċertu sens ta' dnub, cioe' kuxjenza dwar dak li suppost tagħmel u li għandek tevita, bejn dak li hu korrett u mhux, bejn dak li hu sewwa u dak li hu ħażin. Il-letteratura, it-tradizzjonijiet, il-kultura in ġenerali jduru dwar dan l-għarfien li mhux kollox hu leċitu, anki l-affarijiet li jagħmilhom kulħadd. L-affresk grandjuż ta' Michelangelo tal-Ġudizzju Universali hu msejjes fuq it-twemmin li it-tajbin u l-ħżiena ma jistgħux jiġu trattati l-istess, u li b'hekk il-pożizzjoni tagħna f'ħajja oħra ddur fuq l-aġir tagħna f'din il-ħajja.

Donnu dan jistona fid-dinja tal-lum. Meta Rocco Buttiglione stqarr, quddiem il-Kummissjoni tad-Dritijiet Ċivili ta' l-Unjoni Ewropeja li fil-fehma tiegħu li wieħed ikollu relazzjoni omosesswali intima hu dnub, iżda qatt ma għandu jkun reat penali, qamu l-irwiefen kollha, u b'vot wieħed in-nomina tiegħu ġiet miċħuda wara kampanja kontriħ mill-Grupp tal-Hodor, Soċjalisti u Liberali. Probabbli li kieku qal li l-qtil tat-trabi mhux imwielda hi ħaġa tajba, ħadd ma kien igħid xejn; iżda għaliex bħala kattoliku prattikanti stqarr il-fehma tiegħu li ssib fil-Katekiżmu Kattoliku, allura tilef pożizzjoni importanti fil-Kumissjoni Ewropeja, iżda rebaħ l-ammirazzjoni tal-insara, Kattoliċi u m'humiex – martri tad-dinja moderna.

Naturalment l-oppost hu ħażin ukoll. Li kollox hu dnub, li niddubitaw kollox li nagħmlu, li ma jkollnix fiduċja fil-ħniena t'Alla hu ħażin, daqs l-attitudni li xejn m'hu xejn. Alla hu ħanin, jobgħod id-dnub iżda jħobb il-midneb u ma jippretendix li nkunu perfetti.

Il-vantaġġ kbir tal-Konċilju Vatikan II, kien li ħriġna mil-labirint li konna deħlin fih ta' formaliżmu u pompa żejda, regoli fuq regoli li jxekklu l-ispirtu. Is-sawm, penitenza u astinenza għandhom joħorġu mill-qalb u jkunu spontanji. Meta jkunu kontenuti f'regoli komplikati jwasslu għal riżultati tad-daħq. Dawk li għandhom ċerta eta' jirrakontawli, li meta nhar ta' Ġimgħa ma stajtx tiekol laħam, kien hemm eżenzjoni għal lokalitajiet li l-festa titulari tagħhom kienet taqa' nhar ta' Ġimgħa. Hekk meta s-6 t'Awissu, festa tas-Salvatur f'Ħal Lija kien jaħbat il-Ġimgħa, in-naħa ta' Triq il-Kbira li kienet tagħmel parti minn Ħal-Lija kienu jsajru u jieklu l-laħam, u tan-naħa l-oħra li kienu parti mill-parroċċa ta' Ħal Balzan kienu jsumu!

Il-forma, il-liturġija, ir-regoli jinbidlu; dak li kien tajjeb għal soċjeta' pre-emenintement agrikola mhux bil-fors igħodd għal soċjeta' iktar industrijaliżżata,b'ħinijiet ta' xogħol u esiġenzi differenti.

Iżda l-prinċipji jibqgħu l-istess.
Il-knisja tixtieq il-ġid lill-familja, tħenn għal dawk li żwieġhom tfarrak, tieqaf magħhom, iżda ma tistax tgħid li li tgħix fi żwieġ u barra ż-żwieġ hu l-istess.

Il-Knisja tixtieq il-liberta’, anki fil-kummerċ, hi favur id-dritt tal-proprjeta’ privata li jagħżel il-bniedem mill-ħlejjaq l-oħra, iżda ma tistax tirrinunzja għat-twemmin tagħha dwar l-iskop soċjali aħħari tal-proprjeta’, u kontra l-isfruttament tal-ħaddiem, il-profitti bla rażan, u konsumeriżmu u materjaliżmu bla kontroll.

Il-Knisja tifhem l-ansjeta’ tan-nisa li jkollhom tqala li forsi ma xtaqux, u l-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom is-“single mothers”, iżda ma tistax tapprova il-qtil ta’ ħajja innoċenti qabel it-twelid u taċċetta l-abort.

Il-Knisja hija kontra kull diskriminazzjoni bla raġuni, anki dik bażata fuq orjentazzjoni sesswali, iżda ma tistax tgħallem li għaqda bejn omosesswali għandha tkun aċċettata bħala żwieġ bejn mara u raġel, u elevata għall-istess livell.

Anki f’Malta is-sens ta’ x’inhu tajjeb u ħażin qed jiċċajpar bl-iskuża tal-liberaliżmu, moda, relativiżmu morali (frażi għall-qalb ħafna il-Papa preżenti ); din ta’ l-aħħar hi l-iktar perikoluża. Ir-raġunament mgħawweġ tar-relativiżmu hu xi ħaġa hekk: jiena nisrani; nemmen li l-abort hu ħażin; nemmen fiż-żwieġ ; iżda jiena ma nistax nimponi fehmti fuq ħaddieħor; jiena m’iniex se nagħmel abort, iżda għaliex għandi nindaħal x’jagħmel ħaddieħor? għaliex ngħidu aħna, għandi nkun favur l-projbiżżjoni ta’ l-abort tkun fil-kostituzzjoni, u norbot ġenerazzjonijiet futuri f’materja bħal dan.

**Dan hu żball fondamentali** li xi nsara jaqgħu fih; veru li hemm ċerti ħwejjeġ li huma prettament morali, u m’għandhomx jinbidlu f’regoli ta’ liġi; iżda meta jkun hemm fin-nofs id-dritt **tal-ħajja** ta’ ħaddieħor,il-bon ordni, l-għaqda tal-familja, dawn huma parti mill-ġid u l-interess  komuni li ebda nisrani ma jista’ jaħrab minnhom billi jirregalahom għall-morali jew twemmin reliġjuż tiegħu.

Ħafna politiċi, f’Malta u ‘il hinn minnha ikejlu kull azzjoni skond is-suċċess tagħha. Tirnexxi? Mela hija tajba. San Franġisk ta’ Sales (1567-1622) Duttur tal-Knisja, Isqof ta’ Ġinevra , awtur ta’ kotba spiritwali bħal “Introduzzjoni għal Ħajja Devota”, għall-kuntrarju stqarr; “Azzjoni hi tajba, anki jekk ma tirnexxix,jekk hi imwettqa għall-imħabba t’Alla.”

**TONIO BORG**
29.12.05